Nru. 31

ORDNI TA' ŻVILUPP GĦAL KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' Żvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri

Is-sit kif jidher fil-Pjanta l-Għerien, Manikata l/o Mellieħa.

(ara l-pjanta mehmuża) jista' jkun ta' valur naturali u storiku hekk li għandu jkun inkluż fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-Proprjetà msemmija hawn fuq, skond l-artikolu 47 ta' l-Att ta' l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Is-sit għandu numru ta' għerien li jagħmlu parti minn sensiela ta' għerien li jiffurmaw fl-irdum taħt *Bajda ridge*. Dawn l-għerien huma strutturi ġeomorfoloġiċi interessanti b'importanza xjentifika u għalhekk għandhom jiġu mħarsa skond it-termini tal-*Policy* RCO 11(7) tal-Pjan ta' Struttura.

(ii) L-għerien għandhom jiġu protetti minħabba l-importanza storika/arkeoloġika potenzjali li għandhom bħala abitazzjoni trogloditika (abitazzjoni ġewwa għar).

(iii) L-ebda alterazzjoni ma tiġi permessa lil ebda parti mill-kmamar antiki li jeżistu fuq is-sit.

(iv) L-ebda forma ta' xogħol jew żvilupp ma jitħalla fuq dan is-sit jew iż-żona ta' madwar peress li tagħmel parti minn *area* ta' konservazzjoni rurali skond it-termini tal-*Policies* RCO 1 u RCO 2 tal-Pjan ta' Struttura għall-Gżejjer Maltin.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

No. 31

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely

Premises as per Site-Plan L-Għerien, Manikata l/o Mellieħa

(see attached site plan) could be of natural and historical value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The site contains a number of caves forming part of a series of caverns in the *rdum* face below Bajda ridge. These caverns are interesting geomorphological features of scientific importance and are to be afforded protection as per Structure Plan Policy RCO 11(7).

(ii) The caverns are to be protected due to their potential historical/archaeological importance as troglodytic (cave) dwellings.


(iii) No alterations will be permitted to any part of the old rooms existing on the site.

(iv) No form of work or development will be allowed at this site or its immediate surroundings since it forms part of a Rural Conservation Area as per Policy RCO 1 and RCO 2 of the Structure Plan for the Maltese Islands.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this Order.

Jekk il-proprjetà tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettieq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' dan l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order, the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.



Is-17 ta' Jannar, 1995

17th January, 1995